



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussel, 20 ta' April 2007 (22.05)
(OR. en)**

8691/07

**TELECOM 51
COMPET 103
MI 92
RECH 107
EDUC 76**

NOTA TA' TIFSIR

minn: Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,
iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur

data meta waslet: 19 ta' April 2007

lil: Sur Javier SOLANA, Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli

Suġġett: **DOKUMENT TA' ĦIDMA TA' L-ISTAFF TAL-KUMMISSJONI I-1 Parti**
Segwitu għar-Rakkomandazzjonijiet tat-Task Force dwar il-kompetittività tas-
Settur tat-TIK (Teknoloġija ta' l-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni) u l-
Adozzjoni tat-TIK

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż dokument tal-Kummissjoni SEC(2007) 526.

Mehmuż: SEC(2007) 526



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 22.5.2007
SEG(2007) 526

DOKUMENT TA' ĦIDMA TA' L-ISTAFF TAL-KUMMISSJONI

**Segwitu għar-Rakkomandazzjonijiet tat-
Task Force dwar il-kompetittività tas-Settur tat-TIK (Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u
l-Komunikazzjoni) u l-Adozzjoni tat-TIK**

WERREJ

1.	Daħla	4
2.	Rakkomandazzjonijiet Ewlenin u Segwitu	4
2.1.	Adozzjoni tat-TIK.....	4
2.2.	L-SMEs u l-intraprenditorjat	6
2.3.	Ambjent regolatorju uniku	7
2.4.	Proprietà intelletwali.....	8
2.5.	Innovazzjoni, riċerka, investiment u finanzi	8
2.6.	L-istandards u l-interoperabilità	10
2.7.	Ħiliet u possibiltà ta' impjieg.....	11

Anness tekniku (EN)

1. DAĦLA

L-għan ta' dan id-dokument huwa li jiddeskrivi kif il-Kummissjoni qiegħda taġixxi fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet ewlenin tat-Task Force dwar il-Kompetittività tas-Settur tat-TIK u l-Adozzjoni tat-TIK u li jiddeskrivi fil-qosor attivitajiet oħra rilevanti ta' l-UE f'dan il-qasam. Hemm anness tekniku li jagħti ħarsa fid-dettall lejn kull waħda mir-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force.

It-Task Force tat-TIK, stabbilita f'Ġunju 2006, kienet waħda minn bosta inizjattivi speċifiċi għas-settur imħabbra fil-Komunikazzjoni ta' l-2005 dwar il-politika soċjali¹, li għandha l-għan li tgħin fil-ħolqien ta' ambjent aktar favorevoli għan-negozju fl-UE. It-Task Force tikkomplementa lill-i2010², l-istrateġija tas-soċjetà ta' l-informazzjoni ta' l-UE għat-*tkabbir ekonomiku* u l-impjiegi li tnediet f'Ġunju 2005 u li hija mfassla biex tagħti spinta lill-ekonomija diġitali billi tgħaqqad ir-riċerka, l-għodod regolatorji u l-inizjattivi tal-politika. Il-mandat tat-Task Force kien li hija tidentifika l-ostakli ewlenin għall-kompetittività tas-settur u l-adozzjoni tat-TIK, tgħin fil-mobilizzazzjoni tas-settur, u tirrakkomanda reazzjonijiet possibbli ta' politika. Is-shubija³ inkludiet rappreżentanti ta' livell għoli ta' l-industrija tat-TIK u tas-soċjetà ċivili. Il-membri ta' l-industrija kienu ġejjin minn bosta lati tas-settur tat-TIK u kienu jinkludu operaturi stabbiliti, konkorrenti ġodda, u ditti kemm kbar kif ukoll ta' daqs medju. Membri li mhumiex industrijali kienu jirrappreżentaw it-trejdjunjins, l-SMEs, il-kmamar tal-kummerċ, il-konsumaturi u d-dinja akkademika.

It-Task Force ipproduċiet rapport⁴ f'Novembru li għadda li jagħti stampa ċara ta' fejn għandu jiġi kkonċentrat l-isforz biex jagħti spinta lill-kompetittività tas-settur tat-TIK⁵. B'mod ġenerali, ir-rakkomandazzjonijiet jikkonfermaw li l-politika tat-TIK tal-Kummissjoni tinsab fit-triq it-tajba. Dawn iħaddnu l-ħidma tajba li diġà qed isseħħ għall-promozzjoni ta' l-adozzjoni u l-intraprenditorjat tat-TIK, isaħħu s-suq intern u joħolqu ambjent uniku regolatorju, jagħtu spinta l-innovazzjoni, itejbu l-aċċess għal finanzi, iqabblu l-politika ta' standardizzazzjoni mad-dinamika attwali ta' l-industrija, u jiżviluppaw strateġija ta' ħiliet elettroniċi li tifrex fuq medda twila ta' żmien.

Ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-politika industrijali tal-Komunità aktar tard din is-sena għandha tipprevedi għal segwitu ulterjuri tal-konklużjonijiet tat-Task Force tat-TIK.

2. RAKKOMANDEZZJONIJIET EWLENIN U SEGWITU

2.1. Adozzjoni tat-TIK

Rakkomandazzjonijiet ewlenin tat-Task Force: Li jsiru riformi strutturali għal swieq aktar flessibbli tal-prodott u tax-xogħol, jinħoloq ambjent favorevoli għal investiment fin-netwerks

¹ COM(2005) 474, 5.10.2005

² Għal taġrif sħiħ dwar l-inizjattiva i2010, ara http://ec.europa.eu/information_society/eeurope/i2010/index_en.htm

³ Sħubija fit-*Task Force*: <http://ec.europa.eu/enterprise/ict/policy/doc/icttfm.pdf>

⁴ Għar-rapport sħiħ tat-*Task Force*, lista ta' membri u dettalji ta' arranġamenti ta' ħidma, ara <http://ec.europa.eu/enterprise/ict/taskforce.htm>

⁵ Ir-Rapport tal-Kompetittività Ewropea 2006 tal-Kummissjoni, COM (2006) 697, jinkludi taqsima li tanalizza l-kompetittività tas-settur tat-TIK.

u s-servizzi tal-ġenerazzjoni li jmiss u fis-servizzi pubbliċi online, u tinħoloq karta ta' drittijiet tal-konsumatur fl-ambjent diġitali.

L-Istrateġija riveduta ta' Liżbona għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjiegi ttipprovdi aġenda ta' riforma ekonomika li tinkludi l-elementi kollha, u l-pilastru mikroekonomiku tagħha jiffoka fuq il-ħolqien ta' ambjent li jiffavorixxi n-negozju. Fi Frar 2007, il-Kummissjoni pproponiet pakkett b'firxa wiesgħa ta' miżuri⁶ biex tgħin li tiżgura tħaddim eħfef tas-suq intern għall-prodotti. Dan għandu jagħmilha aktar faċli għall-kumpaniji, partikolarment l-SMEs, biex jikkummerċjalizzaw il-prodotti fl-UE filwaqt li jiżgura livelli għolja ta' kwalità u sikurezza.

It-traspożizzjoni mill-Istati Membri tad-Direttiva tas-Servizzi⁷, adottata f'Diċembru 2006, għandha tneħħi ostakli diskriminatorji u mhux ġustifikati, tneħħi l-burokrazija żejda, u timmodernizza u tissimplifika l-qafas legali u amministrattiv, notevolment bl-obbligu li twettaq, sa l-2009, proċeduri elettroniċi għal formalitajiet u proċeduri relatati ma' l-aċċess għal servizz ta' kwalità u l-eżerċitar tiegħu. Għandha wkoll ittejjeb il-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri u twettaq sistema ta' tagħrif dwar is-suq intern (internal market information - IMI) għal dan l-għan. Id-Direttiva tas-Servizzi għandha tiġi trasposta mill-Istati Membri sa l-aħħar ta' l-2009, u l-Kummissjoni għandha tappoġġjahom u tgħin om fil-proċess ta' implimentazzjoni. Id-Direttiva tikkomplementa l-qafas regolatorju tas-Suq Intern għal servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni li kien stabbilit bid-Direttiva tal-Kummerċ Elettroniku⁸. Barra minn dan, abbażi tat-tlestija fl-2005 tal-fażi leġislattiva ta' pjan ta' azzjoni⁹ immirat lejn l-iżvilupp ta' suq li jifrex ma' l-Ewropa kollha fis-servizzi finanzjarji, il-Kummissjoni issa qiegħda timplimenta strateġija ġdida¹⁰ biex tintensifika l-integrazzjoni finanzjarja u twettaq benefiċċji ulterjuri għall-industrija u l-konsumaturi bl-istess mod.

Appoġġ ta' politika għall-iżvilupp tan-netwerks u s-servizzi tal-ġenerazzjoni li jmiss huwa primarjament żgurat permezz tar-reviżjoni li għaddejja tal-qafas regolatorju għal komunikazzjonijiet elettronici¹¹, kif ukoll permezz ta' miżuri oħra fl-ewwel pilastru ta' l-inizjattiva ta' l-i2010¹², li għandha l-għan li toħloq Spazju Uniku Ewropew ta' l-Infommazzjoni billi tgħaqqad ir-regolamenti u istrumenti oħra għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni biex toħloq qafas regolatorju orjentat lejn is-suq għall-ekonomija diġitali. Il-firxa usa' tad-disponibilità tas-servizzi pubbliċi online kienet priorità ewlenija, b'mod partikolari permezz tal-Pjan ta' Azzjoni ta' l-eGovernment¹³ u l-iżvilupp tal-qafas Ewropew ta' interoperabilità għas-servizzi ta' l-eGovernment li jifirxu ma' l-Ewropa kollha¹⁴.

6 Ara l-komunikazzjoni lill-mezzi tax-xandir u l-istampa IP/07/181 ta' l-14.02.2007. Il-pakkett jinkludi notevolment "Proposta għal Regolament li jistipula proċeduri relatati ma' l-applikazzjoni ta' ċerti regoli nazzjonali tekniċi għal prodotti kummerċjalizzati b'mod leġittimu fi Stat Membru ieħor", COM(2007) 36, 14.02.2007

7 Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern, *ĠU L 376, 27.12.2006, pp. 36-68.*

8 Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern.

9 Il-Pjan ta' Azzjoni tas-Servizzi Finanzjarji (PASF), http://ec.europa.eu/internal_market/finances/actionplan/index_en.htm

10 Politika tas-Servizzi Finanzjarji 2005-2010 (*White Paper*), COM(2005) 629, 05.12.2005

11 Ara http://ec.europa.eu/information_society/policy/ecom/tomorrow/index_en.htm. Proposti leġislattivi għandhom ikunu ppreżentati f'tabella sa l-aħħar ta' l-2007.

12 http://ec.europa.eu/information_society/europe/i2010/single_infor_space/index_en.htm

13 Il-Pjan ta' Azzjoni ta' l-eGovernment i2010 : inħaffu l-pass ta' l-eGovernment għall-benefiċċju ta' kulħadd, COM(2006) 173, 25.04.2006

14 Ara <http://ec.europa.eu/idabc/en/document/2319/5644>

Minbarra dan, f'Diċembru 2006 l-Kunsill Ewropew wiegħed li jirrevedi l-isfidi li qed jiffaċċjaw u li huma imposti mill-ġenerazzjoni li jmiss ta' l-Internet u n-netwerks fi ħdan il-qafas ta' l-Istrateġija ta' Liżbona fil-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa ta' l-2008. Xejriet futuri fin-netwerks u l-Internet, kif ukoll ostakli previsti għall-iżvilupp tagħhom, għandhom ikunu ttrattati wkoll fl-2007 fil-proċess ta' riflessjoni li jwitti t-triq għal reviżjoni ta' nofs it-terminu ta' l-2010 fl-2008.

F'Marzu 2007, il-Kummissjoni adottat strateġija ta' politika tal-konsumatur għas-snin 2007 - 2013¹⁵. Hija tenfasizza li n-nuqqas ta' fiduċja tal-konsumatur, flimkien ma' ostakli regolatorji, għadhom qegħdin ifixklu suq intern żviluppat, u qiegħda timmira li titratta l-isfidi ta' l-ambjent diġitali biex tiżgura li l-konsumaturi jkunu kapaċi jixtru minn kwalunkwe post fl-UE, li jista' jvarja minn ħanut żgħir u sa websajt, fiduċjużi li huma mħarsa effettivament bl-istess mod. Eżerċizzju maġġuri ta' konsultazzjoni dwar ir-regoli tal-konsumatur ta' l-UE tnieda fl-ewwel parti ta' l-2007 bl-adozzjoni ta' Green Paper tal-Kummissjoni¹⁶, li tirrevedi l-leġislazzjoni attwali. Wieħed mill-għanijiet ta' din l-inizjattiva huwa li jiġu adattati r-regoli attwali tal-konsumatur għad-dinja diġitali. Bl-għajnuna tar-reazzjonijiet mill-Green Paper, il-Kummissjoni timmira li tagħti spinta lill-fiduċja tal-konsumatur fis-Suq Uniku billi tiżviluppa sett uniku u sempliċi ta' regoli li jippermetti lill-konsumaturi jkunu jafu d-drittijiet tagħhom, jieħdu deċiżjonijiet sensibbli u jgawdu minn ħarsien xieraq jekk l-affarijiet imorru ħażin. Wara l-konsultazzjoni se jitressqu proposti għal inizjattivi speċifiċi — regolatorji jew mod ieħor — biex isewwu problemi u nuqqasijiet attwali. Barra minn dan, bl-eliminazzjoni tal-klawżoli minimi attwali f'dan il-qasam, l-effetti pożittivi fuq is-suq intern tad-Direttiva ta' l-eCommerce għandhom jiġu kkonsolidati.

Universal Service, element importanti tal-qafas regolatorju ta' l-eCommunications, jimmira li jagħti servizz bi prezz raġjonevoli u ta' kwalità għolja lil kulħadd, irrispettivament mil-lok ġeografiku u ta l-possibilità lil kulħadd biex idaħħal linja telefonika jew konnessjoni ma' l-Internet bi prezz raġjonevoli. F'dan is-sens, huwa strument li jippermetti l-użu tat-TIK. Hemm ħtiegħa li jiġi rivedut il-prinċipju u l-ambitu tal-Universal Service għal komunikazzjoni elettronika fis-Seklu 21, u l-Kummissjoni għandha tippubblica Green Paper dwar din il-kwistjoni fl-aħħar ta' l-2007 u tniedi dibattitu b'firxa wiesgħa.

2.2. L-SMEs u l-intraprenditorjat

Rakkomandazzjonijiet ewlenin tat-Task Force: Aktar taħriġ fil-ħiliet ta' l-intraprenditorjat, u li titqajjem il-kuxjenza ta' l-impriżi dwar il-benefiċċji tat-TIK.

Il-promozzjoni ta' l-intraprenditorjat u l-ħiliet hija waħda mill-ħames azzjonijiet speċifiċi ta' azzjoni tal-politika ta' l-SMEs tal-Kummissjoni¹⁷. Il-Kummissjoni tagħraf ir-rwol dejjem aktar importanti ta' l-edukazzjoni ta' intraprenditorjat, aktar speċifikament, ir-rwol ewlieni ta' skejjel u universitajiet fit-trawwim ta' attitudni intraprenditorjali. Barra minn dan, is-Summit Ewropew tar-Rebbiegħa f'Marzu 2006 stieden lill-Istati Membri biex iħeġġu l-intraprenditorjat, ukoll permezz ta' edukazzjoni u taħriġ ta' l-intraprenditorjat. Il-Komunikazzjoni "Inkattru inklinazzjonijiet intraprenditorjali bl-edukazzjoni u t-tagħlim"¹⁸

¹⁵ "Strateġija ta' l-UE tal-Politika tal-Konsumatur 2007-2013, COM(2007) 99, disponibbli minn fuq: http://ec.europa.eu/consumers/overview/cons_policy/index_en.htm

¹⁶ *Green Paper* dwar ir-reviżjoni ta' l-*acquis* tal-konsumatur, COM(2006) 744, 08.02.2007

¹⁷ Stipulati f' "l-Implimentazzjoni tal-Programm Komunitarju ta' Liżbona: Il-Politika Moderna ta' l-SMEs għal Tkabbir u l-Impjiegi", COM(2005) 551, 10.11.2005

¹⁸ COM(2006) 33, 13.02.2006.

ikkontribwiet lejn it-tfassil ta' aktar strateġiji sistematiki għall-edukazzjoni ta' l-intraprenditorjat u t-tisħiħ tar-rwol ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ fil-ħolqien ta' kultura aktar intraprenditorjali fl-Ewropa. Hija tlaqqa' flimkien eżempji ta' prassi tajba, tiffoka fuq miżuri ta' politika ta' appoġġ, u tipproponi sett ta' rakkomandazzjonijiet għal azzjoni li tista' tiġi ttrattata f'livell nazzjonali jew reġjonali.

Bosta azzjonijiet tas-soċjetà ta' l-informazzjoni huma appoġġjati mill-fondi strutturali, li jinkludu komponenti dwar il-kummerċ elettroniku u l-SMEs.

L-eBSN (In-Netzwerk Ewropew ta' Appoġġ għall-kummerċ elettroniku) ¹⁹ jipprovdi koordinazzjoni ta' politika għal inizzjattivi nazzjonali u reġjonali li tippromwovi l-adozzjoni ta' prattiki ta' l-eBusiness mill-SMEs, u jrawwem l-iskambju ta' tagħrif u studji ta' każijiet dwar kwistjonijiet relatati ma' l-eBusiness. L-eBSN wettaq sħarriġ fuq il-kampanji li ntużaw biex iqajmu għarfien u kkonferma bidla tad-direzzjoni fl-Istati Membri lil hinn minn finanzjament u kofinanzjament ta' l-investiment tat-TIK u l-konnettività ta' l-internet u lejn it-taħriġ ta' l-SMEs biex jiġġeddu permezz tat-TIK. Aktar riċenti, l-eBSN osserva xaqliba ulterjuri lejn politiki speċifiċi għas-settur²⁰, jiġifieri politiki li jappoġġjaw l-SMEs fl-adozzjoni tat-TIK filwaqt li jqisu l-ambjent kummerċjali partikolari tagħhom (sħab fin-negozju, fornituri, konsumaturi, eċċ.). L-eBSN se jissokta jlaqqa' flimkien rappreżentanti ta' l-Istat Membri biex jitgħallmu u jiksbu ispirazzjoni minn xulxin u jgħinu ħalli jstimulaw strateġija aktar dinamika biex iqajmu kuxjenza.

2.3. Ambjent regolatorju uniku

Rakkomandazzjonijiet ewlenin tat-Task Force: It-twettiq ta' ambjent regolatorju li jiffaċilita l-konverġenza u soċjetà inklussiva ta' l-informazzjoni, it-trawwim tal-ħolqien ta' suq intern għal servizzi li jiddependu fuq l-għarfien, u r-reviżjoni ta' l-imposti fuq id-drittijiet ta' l-awtur.

Il-konverġenza hija waħda mit-tliet prioritajiet ta' l-inizzjattiva ta' l-i2010 "Il-Ħolqien ta' Spazju ta' l-Infommazzjoni". L-inizzjattiva tipprevedi aġġustament fil-leġiżlazzjoni li jinvolvi r-reviżjoni tal-qafas regolatorju tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u l-adozzjoni tad-Direttiva dwar Servizzi Awdjoviżivi u tal-Mezzi tax-Xandir, u tinvolvi għadd ta' inizzjattivi biex tħeġġeġ il-ħruġ ta' servizzi awdjoviżivi ġodda, bħal-Liċenzja Online tal-Film u komunikazzjonijiet futuri dwar il-kontenut online u x-xandir permezz tat-telefon ċellulari. Il-konverġenza tinvolvi sfidi oħra fil-qasam tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (DPI), is-sigurtà u l-ħarsien tal-konsumatur²¹. Dawn il-kwistjonijiet se jkun u ttrattati fil-proċess ta' riflessjoni li jwassal għal reviżjoni ta' nofs it-terminu ta' l-istrateġija i2010 fl-2008.

Ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu ta' l-i2010, mistennija għall-2008, għandha titratta d-dimensjoni tas-suq intern tas-servizzi tat-TIK, inklużi dawk li jiddependu fuq l-għarfien, u hija ssinkronizzata mar-reviżjoni totali ta' l-istrateġija tas-Suq Uniku²². Din ir-reviżjoni ta' l-aħħar għandha tirriżulta frapport dwar is-Suq Uniku fis-Seklu 21, inklużi proposti konkreti għal azzjoni futura, li għandu jiġi ppreżentat mill-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew fl-2007.

¹⁹ Ara l-portal ta' l-eBSN: http://ec.europa.eu/enterprise/e-bsn/index_en.html

²⁰ Osservazzjonijiet li rriżultaw mill-*workshops* riċenti ta' l-eBSN u l-bażi tad-*data* ta' l-eBSN ta' proġetti nazzjonali

²¹ http://ec.europa.eu/information_society/eeurope/i2010/docs/i2010_high_level_group/i2010_hlg_convergence_paper_final.pdf

²² Ara l-portal fuq http://ec.europa.eu/internal_market/strategy/index_en.htm

Fir-rigward ta' imposti tad-drittijiet ta' l-awtur, f'Diċembru 2006, wara konsultazzjonijiet estensivi²³ li involvew partijiet interessati u Stati Membri, il-Kummissjoni ddeċidiet li tinħtieġ aktar riflessjoni dwar din il-kwistjoni kumplessa.

2.4. Proprjetà intelletwali

Rakkomandazzjonijiet ewlenin tat-Task Force: Fid-dawl tad-diversità ta' l-istrateġiji tad-DPI fis-settur tat-TIK, għandha sseħħ konsultazzjoni wiesgħa qabel ma tinbidel il-leġislazzjoni ta' l-UE. Ukoll, trid tiġi llimitata l-kriminalizzazzjoni għall-ksur tad-DPI għall-iffalsifikar deliberat tal-trademark, ksur tad-drittijiet ta' l-awtur u l-piraterija tad-disinn. Il-promozzjoni ta' l-adozzjoni tal-Protokoll ta' Londra, u t-tnaqqis ta' l-ispejjeż tal-brevetti.

Il-Kummissjoni pproponiet direttiva²⁴ dwar miżuri kriminali biex jiġi żgurat l-infurzar tad-DPI. Din il-proposta ma fihex biss limitazzjoni għat-trademarks, id-drittijiet ta' l-awtur u d-drittijiet tad-disinn. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill attwalment qegħdin jiddiskutu l-proposta tal-Kummissjoni.

Wara l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2006 u l-konsultazzjoni wiesgħa tal-partijiet interessati mwettqa fl-2006, il-Kummissjoni adottat, f'April 2007, Komunikazzjoni dwar it-tisħiħ tas-sistema tal-brevetti fl-Ewropa²⁵. Filwaqt li t-tnaqqis ta' l-ispejjeż tal-brevetti huwa wieħed mill-għanijiet ewlenin, għandu jitfakkar li r-ratiffika tal-Ftehim ta' Londra tinsab f'idejn l-Istati Membri. Barra minn dan, fl-2008 l-Kummissjoni għandha l-għan li tippreżenta strateġija komprensiva tad-DPI biex tagħti lill-UE qafas xieraq ħalli titħeġġeġ u titħares l-innovazzjoni.

2.5. Innovazzjoni, riċerka, investiment u finanzi

Rakkomandazzjonijiet ewlenin tat-Task Force: L-iskambju ta' l-aqwa prassi ta' innovazzjoni, l-istimolu tar-riċerka permezz ta' skemi ta' kreditu tat-taxxa, appoġġ għar-riċerka kollaborattiva permezz ta' Pjattaformi Ewropej tat-Teknoloġija u Inizjattivi Konġunti tat-Teknoloġija, appoġġ lill-iżvilupp tas-swieq promettenti permezz ta' l-għoti ta' kuntratti pubbliċi, l-iżgurar ta' kondizzjonijiet ugwali għal kull min qiegħed fl-industrija Ewropea tas-semikondutturi, il-ħolqien ta' ambjent li jaġevola l-kapital tar-riskju, u riforma ulterjuri l-politika ta' għajnuna Statali.

L-Istati Membri allokaw €9.1 biljun għall-finanzjament tar-riċerka tat-TIK matul is-Seba' Programm ta' Qafas (l-FP7), li jagħmilha l-akbar tema ta' riċerka fil-Programm ta' Kooperazzjoni, li hu stess huwa l-akbar programm speċifiku ta' l-FP7.

Il-31 Pjattaforma Ewropej tat-Teknoloġija²⁶ kollha issa ppubblikaw dokument ta' "Viżjoni", u l-maġġoranza lestew jew żviluppaw abbozz avanzat ta' l-Aġenda Strateġika ta' Riċerka (ASR) tagħhom. Dawn il-pjattaformi issa qed iħejju biex jgħaddu għall-istadju ta' implimentazzjoni. Il-Kummissjoni qieset l-ammonti prodotti minn xogħlhom filwaqt li kienet qed tiżviluppa l-politika tagħha ta' riċerka, notevolament permezz tat-tfassil ta' l-FP7. Dan

²³ Aċċessibbli permezz ta' http://ec.europa.eu/internal_market/copyright/levy_reform/index_en.htm

²⁴ Il-Proposta emendata għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri kriminali bil-għan li jiżguraw li d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jkunu mħarsa, COM(2006) 168, 26.04.2006

²⁵ COM(2007) 165, 03.04.2007

²⁶ Għal lista ta' Pjattaformi Ewropej tat-Teknoloġija, ara http://cordis.europa.eu/technology-platforms/individual_en.html

kien mezz effettiv kif tiġi żgurata r-rilevanza industrijali tagħhom. L-analiżi turi li 15-il ASR għandhom ikunu koperti taħt tema unika ta' riċerka ta' l-FP7 (li turi l-kooperazzjoni mill-qrib bit-tfassil ta' l-FP7), u li s-16-il ASR li fadal se jitrattaw bosta temi ta' riċerka. L-ewwel Inizjattiva Konġunta ta' Teknoloġija, ARTEMIS²⁷, li tkopri r-Riċerka u l-Iżvilupp f'sistemi inkorporati ta' l-informatika, mistennija li tibda matul l-ewwel nofs ta' l-2007, b'ENIAC²⁸ (European Nanoelectronics Advisory Council) isegwi warajh.

Il-Kummissjoni dan l-aħħar nidiet l-inizjattiva PRO INNO Europe²⁹, li tlaqqa' flimkien 'il fuq minn 200 leġiżlatur ta' l-innovazzjoni u partijiet interessati minn 33 pajjiż, inklużi l-Istati Membri. Hija tgħaqqad l-analiżi u l-istandardizzar ta' programmi nazzjonali u reġjonali ta' innovazzjoni u inċentivi għal azzjonijiet konġunti li jinvolvu aġenziji nazzjonali u partijiet interessati ta' l-innovazzjoni, bħalma hija kooperazzjoni transnazzjonali fl-iżvilupp tal-politika ta' raggruppament³⁰.

Fil-Komunikazzjoni riċenti tagħha "Lejn użu aktar effettiv ta' inċentivi tat-taxxa li jiffavorixxu r-Riċerka u l-Iżvilupp³¹", il-Kummissjoni tiddeskrivi fil-qosor il-qafas legali attwali (b'referenza partikolari għal kompatibilità b'libertajiet fundamentali u r-regoli ta' għajjnuna Statali għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni³² li ġew emendati dan l-aħħar, u tteġġegħ l-Istati Membri biex itejbu l-użu u l-koordinazzjoni ta' l-inċentivi tat-taxxa fir-rigward ta' l-attivitajiet tar-Riċerka u l-Iżvilupp. Il-Komunikazzjoni tagħti wkoll gwida fuq it-trattament tat-taxxa, notevolament fir-rigward ta' proġetti tar-Riċerka u l-Iżvilupp transnazzjonali ta' skala kbira, it-tkabbir ta' intrapriżi innovattivi li għadhom jibdew, trattament tal-VAT u tat-taxxa tar-Riċerka u l-Iżvilupp fil-bażi komuni tat-taxxa korporata kkonsolidata, u l-finanzjament filantropiku. Il-Kummissjoni se żżomm il-qagħda taħt valutazzjoni.

Il-Kummissjoni qiegħda twettaq analiżi ddettaljata mal-partijiet interessati, inklużi konsultazzjonijiet tal-Pjattaformi Ewropej tat-Teknoloġija u l-Panels ta' l-Innovazzjoni ta' l-Ewropa INNOVA³³, biex tidentifika oqsma possibbli fejn permutazzjoni tal-miżuri tal-provvista u t-talba jistgħu jgħinu l-ħruġ fil-beraħ ta' swieq ewlenin. Din hija konsistenti ma' l-istrateġija b'bażi wiesgħa ta' innovazzjoni deskritta fil-qosor fl-2006³⁴. Abbażi tar-riżultat, il-Kummissjoni għandha ttejjji dokument ta' politika fit-tieni nofs ta' l-2007.

L-industrija tas-semikondutturi hija b'mod ċar ta' importanza għall-UE. L-istess bħall-bqija tal-fergħat ta' l-industrija Ewropea, it-twaqqif ta' ambjent mondjali b'kondizzjonijiet ugwali għal kulħadd jibqa' l-għan ġenerali. It-titjib ta' kondizzjonijiet tal-qafas għall-istimolu ta' aktar investiment fir-Riċerka u l-Iżvilupp u l-iżvilupp ta' ħiliet ta' livell għoli huma wkoll ta' importanza ewlenija.

²⁷ Għal aktar dettalji dwar ARTEMIS, ara http://cordis.europa.eu/technology-platforms/individual_en.html

²⁸ Għal aktar dettalji dwar ENIAC, ara <http://cordis.europa.eu/ist/eniac/home.html>

²⁹ Ara <http://www.proinno-europe.eu>

³⁰ Għad-dettalji, ara <http://www.proinno-europe.eu/eca.html>

³¹ COM(2006) 728, 22.11.2006

³² ĠU C 323, 30.12.2006, pp. 1-26

³³ Panels ibbażati fuq is-Settur ta' esperti ta' l-innovazzjoni, li jissuġġerixxu prioritajiet speċifiċi għas-settur għall-azzjoni u jfasslu mistoqsijiet u kwistjonijiet li għandhom jiġu ttrattati, huma parti ċentrali ta' l-inizjattiva INNOVA ta' l-Ewropa.

³⁴ COM(2006) 502, Nipprattikaw l-għarfien: Strateġija għall-innovazzjoni msejsa fuq bażi wiesgħa għall-UE.

Il-qafas tal-Komunità għall-Għajnuna Statali għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni³⁵ li għadu kemm ġie adottat jiddefinixxi bosta kategoriji ta' għajnuna għal riċerka fundamentali, riċerka industrijali u żvilupp esperimentali. L-intensità permissibbli ta' għajnuna għar-riċerka industrijali hija massimu ta' 50%.

Fil-Komunikazzjoni tagħha ta' Ġunju 2006 "Il-Finanzjament tat-Tkabbir ta' l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju - Żieda tal-Valur Ewropew"³⁶, il-Kummissjoni żvelat sett ta' inizjattivi biex tgħin lill-SMEs jiksbu aċċess aktar faċli għall-kumpaniji ġodda u t-tkabbir ekonomiku. Hija tinkludi miżuri biex jiġġeneraw aktar investiment ta' kapital ta' riskju, biex jiżviluppaw il-finanzi tal-banek għall-innovazzjoni, u biex jagħmlu s-sistemi attwali ta' finanzjament aktar jaġevolaw lill-SMEs. Bħala segwitu, il-Kummissjoni stabbiliet gruppi ta' esperti dwar it-tneħħija ta' ostakli għall-investiment intrakonfinali minn fondi tal-kapital ta' riskju³⁷, fuq finanzjamenti mhux ikkwotati fil-borża ("seed"), u fuq prassi tajba fl-investiment tal-kapital tar-riskju f'livell reġjonali. Il-Programm ta' qafas tal-Kompetittività u l-Innovazzjoni (PKI)³⁸ għandu jipprovdi inċentivi ulterjuri għall-investituri privati b'fondi proprji biex jinvestu f'impriżi b'potenzjal ta' tkabbir, mal-Fond Ewropew ta' l-Investment (FEI) li jopera jew li jgħin fl-operat ta' bosta strumenti finanzjarji għall-SMEs f'isem il-Kummissjoni: il-faċilità ta' Rata Għolja ta' Tkabbir u ta' SMEs Innovattivi (GIF), il-faċilità ta' Garanzija ta' l-SMEs (SMEG) u l-Iskema tal-Bini tal-Kapaċità (CBS). F'kooperazzjoni mal-Bank Ewropew ta' l-Investment (BEI), il-Kummissjoni se tnedi Faċilità ta' Finanzi ta' Qsim tar-Riskju (RSFF)³⁹, biex tappoġġja investimenti fil-proġetti ta' Riċerka Teknoloġija u Żvilupp permezz ta' self u garanziji, bl-UE tikkontribwixxi sa €1 biljun mis-Seba' Programm tal-Qafas (l-FP7) u allokkazzjoni identika mill-BEI.

2.6. L-istandards u l-interoperabilità

Rakkomandazzjonijiet ewlenin tat-Task Force: Minħabba li l-industrija hija primarjament responsabbli għal interoperabilità teknika, għandu jitkompla l-appoġġ għall-isforzi biex tiġi ttrattata interoperabilità legali u semantika, jiġu promossi sistemi ta' konformità effettiva, u jiġu żviluppatti politiki ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi li jippromwovu l-interoperabilità.

L-Organizzazzjonijiet Ewropej ta' Standardizzazzjoni (ESOs) żviluppaw u qed jissuktaw li jiżviluppaw linji ta' gwida biex jgħinu fl-iżgurar li titqies l-interoperabilità fit-tnejn ta' l-istandards. Uħud mill-istandards attwalment qegħdin jiġu aġġornati biex jiżdidulhom il-karatteristiċi tagħhom ta' interoperabilità. Mil-lat ta' prijoritajiet ta' politika, l-interoperabilità hija diġà fil-qalba ta' l-għanijiet ta' standardizzazzjoni, u hija meqjusa bħala kwistjoni kritika li għandha tiġi sorveljata mill-qrib skond ir-reviżjoni li ġejja tal-politika ta' standardizzazzjoni tat-TIK. Bosta azzjonijiet speċifiċi ta' standardizzazzjoni qegħdin jitrattaw kwistjonijiet ta' interoperabilità f'oqsma bħalma huma eHealth⁴⁰, iż-Żona Ewropea ta' Ħlas Uniku (SEPA), e-

³⁵ ĠU C 323, 30.12.2006, pp. 1-26

³⁶ COM(2006) 349, 29.06.2006.

³⁷ L-għan ewlieni ta' dan il-grupp huwa li jidentifika, għal kull pajjiż li qed jieħu sehem, il-qafas regolatorju li jaffettwa fondi domiċiljati u mhux domiċiljati tar-riskju tal-kapital, u f'każijiet fejn regolamenti attwali jfixxlu attivitajiet intrakonfinali ta' fondi ta' kapital tar-riskju, biex jinstabu toroq ħalli dawn l-ostakli jingħelbu. Ara <http://ec.europa.eu/enterprise/library/enterprise-europe/news-updates/2006/2006-11-29.htm>

³⁸ PKI: http://ec.europa.eu/enterprise/enterprise_policy/cip/index_en.htm

³⁹ Ara <http://www.eib.org/site/index.asp?designation=rsff>

⁴⁰ "Studju ta' l-UE dwar il-ħtiġijiet speċifiċi ta' politika għall-istandardizzazzjoni tat-TIK", <http://www.ictstandardisation.eu>

invoicing, eċċ. Barra minn dan, fl-2006 l-Kummissjoni nidiet studju⁴¹ biex tħejji rakkomandazzjonijiet ħalli tgħin li tiżgura li l-politika ta' standardizzazzjoni ta' l-UE għas-settur tat-TIK taqbel mat-tibdiliet lis-settur magħmula mil-liberalizzazzjoni, il-globalizzazzjoni u l-konverġenza.

It-tema tat-TIK fl-FP7 tinkludi riċerka prenormattiva u konormattiva rilevanti għat-titjib ta' l-interoperabilità u l-kwalità ta' l-istandards u l-implimentazzjoni tagħhom. L-industrija tmexxi l-bieċa l-kbira ta' l-attivitajiet prenormattivi ta' riċerka. Il-programm ta' ħidma tat-TIK ta' l-FP7 diġà jinkludi azzjonijiet immirati għat-titjib tal-kooperazzjoni fl-iżvilupp ta' standards u soluzzjonijiet interoperabbli.

Il-programmi ta' ħidma ta' l-Organizzazzjonijiet Ewropej ta' l-Istandardizzazzjoni (ESOs) jiffukaw fuq interoperabilità teknika, speċjalment fi ħdan l-ETSI, filwaqt li l-interoperabilità semantika għet integrata fil-programmi ta' ħidma ta' gruppi settorjali ta' standardizzazzjoni fil-programmi ta' ħidma ta' gruppi settorjali ta' standardizzazzjoni bħalma huma eHealth⁴² u eBIF⁴³. Aspetti oħra ta' l-interoperabilità — per eżempju l-aspetti legali — ma jaqgħux taħt ir-responsabilità tagħhom għalkemm uħud minnhom huma koperti fil-programm ta' ħidma tat-tema tat-TIK ta' l-FP7. Bħala punt ta' tluq biex jiġu identifikati l-istrumenti ta' qofol ta' interoperabilità, il-programmi ta' ħidma ta' l-ESOs jinkludu attivitajiet dwar l-identifikar ta' problemi u rekwiżiti. Il-qafas ġenerali ta' l-interoperabilità tat-TIK għandu jiġi vvalutat taħt l-intestatura tas-"suq intern" tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu ta' l-i2010. L-esperjenza fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni li tamministra ċ-ċaqliq ħieles ta' l-oġġetti wriet li jeżisti xi riskju ta' distorsjoni għal kompetizzjoni minħabba li l-prassi fl-inkarigar u l-akkreditar ta' korpi u sistemi ta' verifika tal-konformità minn awtoritajiet nazzjonali jvarjaw b'mod estensiv. Għal din ir-raġuni, u bħala parti mill-proposta tal-Kummissjoni għal pakkett ġdid tas-suq intern għall-oġġetti⁴⁴, il-Kummissjoni dan l-aħħar adottat proposta għal Regolament⁴⁵ li jintroduċi regoli msaħħa fuq is-sorveljanza tas-suq.

Il-Pjan ta' Azzjoni ta' l-eProcurement⁴⁶ għandu l-interoperabilità bħala rekwiżit essenzjali, u l-Pjan ta' Azzjoni ta' l-eGovernment⁴⁷ għandu miri espliċiti f'dan ir-rigward. Qed jitħejjew studji u konsultazzjonijiet għar-reviżjoni tal-qafas Ewropew ta' l-interoperabilità għal servizzi ta' l-eGovernment panEwropej⁴⁸, u eventwalment għandhom isiru proposti għal revizzjoni.

2.7. Ħiliet u possibiltà ta' impjieg

Rakkomandazzjonijiet ewlenin tat-Task Force: Filwaqt li l-lakuni dejjem jikbru fil-ħiliet elettroniċi jillimitaw l-innovazzjoni u l-adozzjoni tat-TIK, tinħtieġ żieda fl-investiment fl-iżvilupp professjonali u l-mekkaniżmi ta' appoġġ ta' l-għalliema, żieda fil-kollaborazzjoni

⁴¹ Is-sottogrupp ta' l-eHealth i2010 bħalissa qiegħed jiddiskuti Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li titratta l-linji ta' gwida u l-prassi t-tajba fil-qasam ta' l-interoperabilità għar-reġistri u l-kards elettroniċi tas-saħħa.

⁴² TC 251 tas-CEN

⁴³ Il-Forum ta' l-Interoperabilità ta' l-e-Business tas-CEN

⁴⁴ Għad-dettalji, ara http://ec.europa.eu/enterprise/regulation/internal_market_package/index_en.htm

⁴⁵ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula l-ħtiġijiet għall-akkreditazzjoni u s-sorveljanza tas-suq dwar it-tqegħid ta' prodotti fis-suq COM(2007) 37, 14.02.2007

⁴⁶ Pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-qafas legali għall-għoti elettroniku ta' kuntratti pubbliċi, COM(2004) 841, 13.12.2004

⁴⁷ COM(2006) 173, 25.04.2006.

⁴⁸ Ara <http://ec.europa.eu/idabc/en/document/2319/5644>

bejn l-industrija, il-gvernijiet, min iħaddem u l-istituzzjonijiet ta' l-edukazzjoni, u t-tkomplija ta' l-isforzi fl-inkorporar ta' l-intraprenditorjat fil-kurrikuli.

Azzjonijiet ta' edukazzjoni, taħriġ u appoġġ fil-biċċa l-kbira huma r-responsabilità ta' l-Istati Membri. Il-Kummissjoni se tappoġġja tali inizjattivi billi torganizza studji, avvenimenti, proġetti ta' kooperazzjoni u skambji ta' l-aqwa prassi permezz ta' programmi attwali ta' l-UE, u notevolment taħt il-kappa tal-Programm ta' Tagħlim li Jissokta tul il-Ħajja⁴⁹. L-appoġġ għandu jkopri medda wiesgħa ta' ħiliet għal possibiltà ta' impjieg, li tifrex minn ħiliet elettroniċi u intraprenditorjat⁵⁰ għal ħiliet ta' komunikazzjoni u ħiliet ta' teamwork u ħiliet ta' soluzzjonijiet għal problemi.

Barra minn dan, il-Kummissjoni għandha tqis ir-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force u d-dikjarazzjoni tal-Konferenza Ewropea tal-Ħiliet Elettronici⁵¹ li seħħet dan l-aħħar filwaqt li tkun qed tħejji l-Komunikazzjoni dwar strateġija li tifrex fit-tul tal-ħiliet elettroniċi ppjanata għall-adozzjoni fl-2007.

⁴⁹ Ara http://ec.europa.eu/education/programmes/newprog/index_en.html

⁵⁰ Dan l-aħħar il-Kummissjoni ppreżentat "Aġenda ta' Oslo Għall-Edukazzjoni ta' l-Intraprenditorjat f-Ewropa " bħala parti mill-kampanja tagħha għal promozzjoni ta' attitudnijiet intraprenditorjali fis-soċjetà. Ara: http://ec.europa.eu/enterprise/entrepreneurship/support_measures/training_education/index.htm

⁵¹ Għad-Dikjarazzjoni tal-Konferenza, ara http://eskills.cedefop.europa.eu/conference2006/Thessaloniki_Declaration_2006.pdf